# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Numru 12/20TA**

**Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru. 600/19TA fl-ismijiet:**

**Sohm (Bischof) Brigitte Maria (Pass. Awst. Nru. U 0551562) kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avv. Etienne A. Calleja**

**vs**

**Aliquantum Gaming Limited (C 37009); Plus 5 Gaming Limited (C 47089); Lopoca Gaming Limted (C 49934); Andrew Martin Jones (Pass. UK Nru. 522572997) u Reinhard Meusburger (Pass. Awst. Nru. P4364571)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Lopoca Gaming Limited (is-Soċjeta' rikorrenti) tat-3 ta' Jannar 2020;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Jannar 2020;

Rat ir-risposta ta' Sohm Brigitte Maria (l-intimata) tat-23 ta' Jannar 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha presentati miż-żewġ partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2020;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti fliet u studjat l-atti u dokumenti kollha tar-rikors f'retroxena ta' katina ta' Soċjetajiet li jipprovdu servizz, min f'forma ta' pjattaform jew mod ieħor, ta' logħob tal-azzard on line. Il-lobgħa mertu ta' dawn il-proceduri għandha l-isem ta' Mega Moolah, f'għamla ta' Jackpot li ġiet krejata minn Soċjeta' bl-isem ta' Microgaming Software Systems Limited li għalkemm tissemma' ħafna fil-mertu ma hiex parti la għal dawn il-proċeduri u lanqas għall-kawża propja numru 660/19TA fl-istess ismijiet.

L-intimata qed tfittex li titħallas mingħand is-Soċjetajiet u persuni konvenuti f'dik il-Kawża, fosthom is-Soċjeta' rikorrenti, għal ammont ekwivalenti għal dak li diġa' tħallset. L-intimata, skont il-kawża minnha ntavolata, qegħdha tattribwixxi lill-Konvenuti kollha, għalhekk anke lis-Soċjeta' rikorrenti, aġir li sar "*b'qerq, dizonesta' u in mala fides meta holqu mise-en-scene sabiex jiddefrawdaw lir-rikorrenti ….. mill-premju gustament dovut lilha.*" (ara raba'

talba tar-rikors 600/2019TA). Fir-risposta ġuramentata rispettiva tal-partijiet kollha għal dik il-Kawża, kollha jinsistu li ma humiex il-leġittimi kontradditturi.

Dwar l-elementi ta' azzjoni għar-revoka ta' mandati kawtelatorji, din il-Qorti tibda biex tosserva, li huwa prinċipju ġuridiku assodat illi fi proċeduri għar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju "*l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Ghalhekk … m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti tisma' l-kawza…"* (ara **Desmond Stanley Stewart vs Therese Mangion Galea, Rikors Nru. 336/05, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 2005; L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe, Rikors Nru. 746/01, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awissu 2001; Visa Investments Limited vs Blye Engineering Limited, Rikors Nru. 2520/00, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar 2001**).

Il-Qorti fehmet li s-Soċjeta' rikorrenti qed tibbaża t-teżi tagħha fuq il-fatt, li r-relazzjoni ġuridika tal-intimata ma hiex magħha, iżda mas-Soċjetajiet l-oħrajn. Di fatti fl-affidavit tagħha, Naomi Koops, compliance manager ta' Lopoca tgħid: "***Bridgete Sohm was in a contractual relationship with Plus 5 Gamimg Ltd"*** u tkompli ssotni *"Furthermore, from the documents exhibited hereto, the Court will see that the player Brigitte Sohn accepted*

*the terms and conditions of Plus 5 and that she was aware that she was in a contractual relationship with Plus 5 when she played the game Mega Moolah and won the jackpot"*. (Ara affidavit a' 29 u 30 para 3 u 5 )

Iġifieri, jidher, li s-Soċjeta' rikorrenti, kemm mill-argumentazzjoni legali tagħha u kif ukoll mill-provi prodotti qegħdha tikkontendi, li ma hiex il-leġittima kontradittriċi għall-pretensjonijiet tal-intimata, għaliex ma tesisti ebda relazzjoni ġuridika bejnhom naxxenti minn xi obbligazzjoni kuntrattwali.

B'dana kollu, il-Qorti ma tistax ma tinnotax, li l-pretensjonijiet tal-intimata prima facie jimmiraw għar-responsabbilitajiet tal-konvenuti fil-kawża, abbazi ta' aġir frawdolenti u qarrieqi (ara premessi numri 15 u 16 u talbiet 4 u 5 tar-rikors ġuramentat). Fir-rikors li għandha quddiemha din il-Qorti, is-Soċjeta' rikorrenti b'ebda mod ma tindirizza dan il-punt, meta l-pretensjonijiet tal-Attriċi huma fost oħrajn imnissla minn azzjoni estrakuntrattwali u mhux kuntrattwali. Għalkemm irid jingħad, li fl-eċċezzjonijiet tagħha għall-Kawża tal-intimata, is-Soċjeta' rikorrenti b'mod ġeneriku, tqanqlu fl-14-il eċċezzjoni tagħha. Issa jekk dan jiġix ipprovat, ma hux kompitu ta' din il-Qorti li teżamina f'dawn il-proċeduri. Din il-konstatazzjoni qegħdha limitatament u biss ai fini ta' dawn il-proċeduri u dan għaliex kif diġa aċċennat l-eżami fil-fond irid isir minn Qorti oħra u dan kif ser jingħad aktar 'l isfel.

Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tottjeni l-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju huma: (a) li jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareg il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu; u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu (ara **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart, Rikors Nru. 336/05, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 2005**).

Fil-każ in eżami s-Soċjetà rikorrenti tikkontendi, li l-intimata ma għandhiex pretensjoni ta' dritt fil-konfront tagħha għaliex bejnha u l-istess intimata ma hemm ebda relazzjoni ġuridika.  Ir-relazzjoni ġuridika se mai teżisti bejn is-Soċjeta' Plus 5 Gaming Limited u l-intimata.

F'dan l-istadju hu opportun li jiġi osservat illi "*l-kwestjoni dwar il-legittimu kontradittur ma tistax tigi ezaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni ghal meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-ezami li ghandu jsir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx ghall-inqas prova li mad-daqqa t'ghajn teskludi li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet*" (ara **L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe, Rikors Nru. 746/01, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awissu 2001; Avv. Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services Limited et noe, Rikors Nru. 1614/01, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April 2002**).

Dan il-prinċipju għandu aktar saħħa meta l-kwistjoni tar-relazzjoni ġuridika u leġittimita' kontradittorjeta' tkun imqanqla formalment bħala eċċezzjoni fil-Kawża, li biha tkun ġiet dedotta l-pretensjoni sostantiva kontra min iqanqalha.

Il-Qorti fid-dawl ta' dan kollu wara li fliet sewwa l-atti kollha kemm tar-rikors odjern u dak ġuramentat, jirrisultalha li prima facie, l-intimata għandha dritt u pretensjoni x'tikkawtela fil-konfront tas-Soċjeta' rikorrenti.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza billi tiċħad it-talbiet kollha tas-Soċjeta' rikorrenti fir-rikors tagħha tat-3 ta' Jannar 2020.

Spejjeż a' karigu tas-Soċjeta' rikorrenti.

**Mogħti kameralment illum 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**